Il-kittieb jibni xi essays fuq aneddoti li ġarrab huwa nnifsu. Għalhekk il-kitba hija frott ta' esperjenża personali, biss l-interess tiegħu mhux fih innifsu daqs kemm fir-riżultati tal-osservazzjonijiet tiegħu. Fil-kitba ta' Aquilina dejjem insibu dik il-frażi jew espressjoni milquta, imsejħa mill-Ingliżi *felicity of expression*, li permezz tagħha l-qarrejja jistgħu jibqgħu jiftakru, żmien wara li jkunu qraw, ħafna mis-sentenzi tiegħu. Qed ngħidu għal sentenzi bħal dawn:

*Iċ-ċiviltà jagħmluha u jneħħuha n-nies.*

*Dak li nixtieq nara jikber f'Malta huwa l-għatx għall-qari ta' kotba tajba......*

*......dik id-daqqa ta' spalla qawwija ta' xi ħabib qawwi.*

*Il-qassis jagħmel ġid aktar meta jitħallat mas-soċjetà, bħall-melħ mal-ikel.*

*Illum Malta saret negozju waħedha: kulħadd jispekola.*

*Il-bniedem għandu l-fattezzi tiegħu sew minn ġewwa u sew minn barra,* u ħafna oħrajn.

F'wieħed mill-essays, "Għaliex il-Progress jimxi hekk bil-mod" Aquilina jilmenta minn nuqqas ta' idejat u interessi serji li hawn fost il-kotra ta' kull pajjiż. Għandu raġun il-kittieb jgħid hekk, imma niżgurawh illi kliemu hawn ħafna li jogħġobhom — ukoll meta jfettillu jiddiskuti l-idejat ta' Platun! Għalhekk inħeġġuh biex ifittex jagħtina t-tieni, it-tielet u iktar ġabriet ta' dat-taħditiet, fl-istess format, ħalli iktar ikollna x'naqraw minn dix-xorta ta' kitba serja bil-Malti.

G.C.P.

---

*ERBA' KOTBA TA' VIATOR ERRANS — Stamperija Ġiov. Muscat,* 1953.

"Viator Errans" li għażel li jħalli ismu moħbi, tana erba' kotba tal-poeżija "Weraq tar-Rand", "Omero", "L-Enejde" u "Sant Jermu". Jidher ċar li Viator Errans għandu esperjenza kbira tal-ħajja u bażi soda ta' kultura — iżda f'ħafna mill-poeżija nsibuh nieqes mill-element poetiku. Bosta drabi jidher li kiteb mingħajr ma ħass — għandu l-ħsieb imma ma għandux is-sentiment. Tana poeżiji ibbażati fuq dak li ra u osserva fil-vjaġġi tiegħu u poeżiji ispirati mill-istorja lokali bħalma huma "Sant' Jermu", "L-Imdina", "Oġiġea", "Is-Swar Tagħna", "Għar Hasan" u "Il-Mewt ta' La Vallette". Kiteb fuq suġġetti varjati, minn poeżiji fuq il-Mitoloġija sa poeżiji fuq nies prominenti li għamlu isem fl-istorja ta' l-umanità. Iż-żewġ poeżiji epiki "Omero" u "Enejde" huma biċċa xogħol li għandha togħġob u tinteressa lil min għad qatt ma rnexxielu jaqra dawn il-poemi kbar, frott taċ-ċiviltajiet qodma tal-Greċja u ta' Ruma.

Kieku "Viator Errans" fittex il-preċiżjoni fit-teknika u r-reqqa fil-għażla tal-kelma Maltija, dawn l-erba' kotba ta' poeżija kien ikollhom, bla dubju, ħajja twila fil-letteratura Maltija.

G.C.